**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Robert Said Sarreo)**

**Vs**

**Neil Carl Farrugia**

**Kaz Numru: 1021/2014**

**Illum, 4 ta' Novembru, 2015**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Neil Carl Farrugia ta' 32 sena bin Emanuel u Catherina xebba Saydon imwieled gewwa l-Pieta' nhar it-28 ta' Gunju 1982, jirrisjedi gewwa 18, Triq Santa Marija, B'Kara u detentur tal-karta tal-identita' 347982M talli:

1. Nhar it-18 t'April, 2014 bejn 06:00hrs u 08:00hrs gewwa Triq il-Kbira San Guzepp, Hamrun ingurja, insulenta jew hedded bi kliem lil Maggur Martin Schembri persuna inkarigata skont il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kien qieghed jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz; <u>Kap 9 Sec 95</u>

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser l-ordni u l-paci pubblika b'ghajjat storbju jew glied; <u>Kap 9 Sec 338(dd)</u>

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi talli qal kliem oxen fil-pubbliku; <u>Kap 9 Sec 338(bb)</u>

Rat li fis-seduta tallum l-imputat irregistra ammissjoni u li huwa kkonferma l-ammissjoni tieghu wara li inghata l-opportunita' li jirrikunsidra l-posizzjoni tieghu.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant dawn gew sodisfacjentement ippruvati.

Illi inkwantu ghall-piena din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, in-natura tar-reat, l-ammissjoni bikrija u li l-imputat gharaf li kkommetta zball u skuza ruhu.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti wara li rat l-artikoli 95, 338(bb), 338(dd) u 342 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu izda bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jwettaqx reat iehor fi zmien sitt (6) xhur u tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' tmien mitt Euro (€800). L-imputat qieghed jinghata tlett (3) snin zmien biex ihallas il-multa. F'kaz ta' nuqqas ta' hlas ta' l-ammont jew bilanc minnu dan ikun konvertibbli fi prigunerija.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk jikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Dr Josette Demicoli LL.D.
Magistrat